2025/90356

28.4.2025

Rettifika tar-Regolament (UE) 2024/1781 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli, li jemenda d-Direttiva (UE) 2020/1828 u r-Regolament (UE) 2023/1542 u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L, 2024/1781, it-28 ta' Ġunju 2024)

1. Fil-paġna 47, l-Artikolu 20, it-tieni subparagrafu, il-punt (d):

minflok: "(d) l-istabbiliment ta' prijoritajiet skont l-Artikolu 26.",

aqra: "(d) l-istabbiliment ta' prijoritajiet fir-rigward ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa li fir-rigward tagħhom għandha tiġi kkunsidrata l-introduzzjoni ta' projbizzjoni tal-qerda mill-operaturi ekonomiċi skont l-Artikolu 18(3), b'mod partikolari tagħmir elettriku u elettroniku meta dawk il-prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa jiġu identifikati għall-ewwel darba.".

2. Fil-paġna 60, l-Artikolu 41(4):

minflok: "4. Il-prodotti koperti minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4, li jkunu ngħataw l-Ekotikketta tal-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 għandhom ikunu preżunti li huma konformi mar-rekwiżiti tal-ekodisinn stabbiliti f'dak l-att delegat, sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu koperti mill-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE stabbiliti skont l-Artikolu 16(2) ta' dak ir-Regolament.",

aqra: "4. Il-prodotti koperti minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4, li jkunu ngħataw l-Ekotikketta tal-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 għandhom ikunu preżunti li huma konformi mar-rekwiżiti tal-ekodisinn stabbiliti f'dak l-att delegat, sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu koperti mill-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE stabbiliti skont l-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament.".

3. Fil-paġna 70, l-Artikolu 65(3), il-ħames subparagrafu:

minflok: "Il-miri għandhom jirrikjedu, fuq bażi annwali jew pluriennali, perċentwal minimu ta' 50 % tal-akkwist imwettaq fil-livell ta' awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti, jew fil-livell nazzjonali aggregat, tal-aktar prodotti ambjentalment sostenibbli kif imsemmi fir-raba' subparagrafu.",

aqra: "Il-miri għandhom jirrikjedu, fuq bażi annwali jew pluriennali, perċentwal minimu ta' 50 % tal-akkwist imwettaq fil-livell ta' awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti, jew fil-livell nazzjonali aggregat, tal-aktar prodotti ambjentalment sostenibbli.".

4. Fil-paġna 73, l-Artikolu 69(5):

minflok: "5. L-informazzjoni li għandha tingħata lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi kkomunikata permezz tas-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1020 u għandha tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, b'mod partikolari d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-prodott mhux konformi, l-oriġini tal-prodott, in-natura tal-allegat nuqqas ta' konformità u n-nuqqas ta' konformità involut, …",

aqra: "5. L-informazzjoni li għandha tingħata lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi kkomunikata permezz tas-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1020 u għandha tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, b'mod partikolari d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-prodott mhux konformi, l-oriġini tal-prodott, in-natura tal-allegat nuqqas ta' konformità u r-riskju involut, …".